

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Leġiżlazzjoni U Każistika](#) > [Identifikatur Ewropew Tal-ġurisprudenza \(ECLI\)](#) > [Slovakia](#)

Identifikatur ewropew tal-ġurisprudenza (ECLI)

Il-kontenut ipprovdut minn Slovakia



Slovakkja

Il-koordinatur nazzjonali tal-ECLI

Il-koordinatur nazzjonali tal-ECLI huwa t-Taqsima tal-Informatika u l-Ġestjoni tal-Proġetti tal-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika Slovakka - email: ecli@justice.sk

Il-kodiċi tal-pajjiż

Il-kodiċi tal-pajjiż tar-Repubblika Slovakka huwa: [SK]

Il-ħolqien ta' kodiċi ECLI nazzjonali

Kodiċi ECLI jinħoloq meta tingata' sentenza. Sentenzi maqtugħa wara l-25 ta' Lulju 2011 biss jingħataw numru ECLI. Jekk sentenza maqtugħa qabel il-25 ta' Lulju 2011 tiġi appellata wara l-25 ta' Lulju, din is-sentenza flimkien ma' sentenzi oħrajn f'dak il-proċess jingħataw kodiċi ECLI wkoll.

Eżempju ta' kodiċi ECLI għar-Repubblika Slovakka:

ECLI:SK:OSBA1:2011:0123456789.123

OSBA1 = l-abbrevjazzjoni għall-qorti

2011 = is-sena

0123456789 = IĊS (in-numru ta' identifikazzjoni tal-proċess)

123 = in-numru tas-serje tas-sentenza fil-proċess

L-aħħar aġġornament: 27/02/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.